MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru. 766/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**GIULIO ZARB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giulio Zarb ta’ 51 sena, bin Amabile Carmelo u Mary nee’ Borg, mwieled San Giljan nhar it- 2 ta’ Ottubru 1957, residenti fil- fond 91, Triq Spinola, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 657757(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Nhar it- 30 ta' Lulju 2009, u fil- gimghat ta' qabel gewa Xemxija, San Pawl il- Bahar, impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l- impjieg jew xoghol skond id- dispozizzjonijiet tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Ukoll talli nhar it- 30 ta' Lulju 2009, u fil- gimghat ta' qabel bhala persuna responsabbli tal- istabiliment Chinese Melody gewwa Xemxija, San Pawl il- Bahar, impjega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il- persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

3) U aktar talli nhar it- 30 ta' Lulju 2009, u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il- Gzejjer, bhala l- principal, jew il- persuna li jimpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort' ohra b'kuntratt definit jew indenifit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill- Korporazzjoni tax- xoghol u tahrig b'dan l- impjieg kif hemm fl- Avviz Legali 110 tas- sena 1993.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni regghet giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni hekk maghmula minnu;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 31(7), 32(1)(b) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
U r-Regolamenti tal-Avviz Legali 110 tal-1993;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf, mija u erba u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------